MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1257/2007

Borg and Aquilina Limited (C496)
vs
Ta’ Natu Limited (C8167) bhala debitrici principali u
Joseph Vella bhala garanti solidali

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi, kif jidher mill-i*statement of account* prezentat mar-rikors u immarkat bhata Dok BA1 l-intimata Ta' Natu Limited ghandha taghti lir-rikorrenti Borg and Aquilina Limited is-somma totali ta' wiehed u ghoxrin elf disa' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm21,987.56 ekwivalenti ghal €51.217,24), konsistenti f'bilanc minn somma akbar, prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-intimata fuq talba taghha stess.

2. Illi l-intimat Joseph Vella, li huwa direttur tal-kumpanija Ta' Natu Limited (kif jixhdu d-dokumenti prezentati - Dok BA2), ikkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-kumpanija debitrici principali Ta' Natu Limited ghat-twettiq ta' l-obbligazzjonijiet kollha assunti mill-kumpanija msemmija versu r-rikorrenti Borg and Aquilina Limited, kif jidher mill-*credit application form* prezentata mar-rikors bhala Dok BA3.

3. Illi r-rikorrenti interpellat lil Ta' Natu Limited diversi drabi sabiex thallas l-ammonti dovuti minnha, inkluz b'ittra ufficjali tas-6 ta’ Novembru, 2007 li giet mibghuta kemm lill-imsemmija Ta' Natu Limited kif ukoll lill-garanti, l-intimat Joseph Vella (Dok BA4).

4. Illi *cio` nonostante* l-intimata hallset biss parti zghira mill-ammont totali dovut, b'dan li baqa' x’jithallas il-bilanc fuq imsemmi.

5. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *ai termini* ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), stante li l-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tar-rikorrenti l-intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra l-hlas ta' l-imsemmi ammont.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti biex joghgobha tisma’ u tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u:

i. Tiddikjara li l-intimata Ta’ Natu Limited hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf disa' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm21,987.56) ekwivalenti ghal wiehed u hamsin elf mitejn u sbatax-il Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€51,217.24), konsistenti f'bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-intimata fuq talba taghha stess.

ii. Tiddikjara li l-intimat Joseph Vella bhala garanti solidali huwa wkoll debitur tal-kumpanija rikorrenti

fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf disa' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm21,987.56) ekwivalenti ghal wiehed u hamsin elf mitejn u sbatax-il Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€51,217.24).

iii. Tikkundanna lill-kumpanija intimata Ta' Natu Limited, debitrici principali, sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf disa' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm21,987.56) ekwivalenti ghal wiehed u hamsin elf mitejn u sbatax-il Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€51,217.24).

iv. Tikkundanna wkoll lill-intimat Joseph Vella bhala garanti solidali, solidalment mal-kumpanija intimata, sabiex ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf disa' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm21,987.56) ekwivalenti ghal wiehed u hamsin elf mitejn u sbatax-il Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€51,217.24).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 2007 u tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' qbid kawtelatorji pprezentati kontestwalment mar-rikors guramentat u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat illi fid-9 ta' Jannar 2008 il-Qorti awtorizzat lill-intimati jipprezentaw risposta guramentata minhabba li kien hemm ragunijiet sufficjenti ghal dan.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimati li biha esponew:

1. Illi fl-ewwel lok l-ammont reklamat mir-rikorrenti huwa inqas minn dak dovut *stante* illi hemm

diversi skonti, *commissions* u rigali li ma gewx imnaqqsa mill-kont kif ukoll ma hemmx qbil fuq il-kont.

2. Illi *di piu`* hemm merkanzija li hija skaduta li kellha tigi sostitwita jew irtirata mis-socjeta` rikorrenti u dan ma ghamlitux.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost Joseph Vella mhuwiex il-garanti personali ghad-dejn ta’ Ta’ Natu Limited.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-initimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi a tenur tal-verbal tad-9 ta’ Jannar 2008 l-intimat kellu jipprezenta prospett sal-ahhar ta’ Frar 20008 biex jindika l-ammonti dovuti, izda dan baqa’ ma giex prezentat sat-12 ta’ Marzu 2008, izda gie prezentat fis-17 ta’ Marzu 2008 fejn it-*total discounts* kienu Lm3,335.41.

Xehed Joseph Vella u qal li l-merkanzija kienet skadiet waqt li kienet ghadha ghandhom pero` l-procedura kienet li meta din tiskadi kienu jitkellmu dwarha u kienu jaghmlulhom *credit note*.

Gie prezentat affidavit ta’ Mario Cassar Laudi, *Assistant General Manager* mal-kumpanija Borg and Aquilina Limited fejn fih semma li l-kumpanija Ta’ Natu Limited topera *supermarket* gewwa l-Mosta u li d-direttur taghha huwa certu Joe Vella, intimat f'din il-kawza, li hu gieli ltaqa’ mieghu personalment. Semma li darba minnhom mar l-ufficju tieghu sabiex jiffirma *credit application form*. Spjega li meta l-klijenti taghhom ikollhom relazzjoni

kummercjali fuq bazi regolari maghhom huma jikkoncedu *credit terms* fis-sens li l-klijent jinghata zmien, generalment 30 jew 60 jum biex ihallas. F’kaz li l-klijent tkun kumpanija ma jikkoncedux tali *credit terms* sakemm id-diretturi taghha ma jffirmawx dokumenti li fih jintrabtu li jiggarantixxu personalment l-obbligi tal-kumpanija primarjament il-hlas. Semma li fil-kaz ta’ Ta’ Natu Limited jiftakar car li Joseph Vella kien iffirma din il-*credit application form* quddiemu fl-ufficcju tieghu u li hu kien mar apposta sabiex jaccerta ruhu li dan isir u esebixxa kopja taghha bhala Dok MCL.

Gie prezentat affidavit ta’ Noel Schembri, *Credit Controller* mal-kumpanija rikorrenti Borg and Aquilina Limited fejn semma li xoghlu jikkonsisti f’li jiehu hsieb il-gbir ta’ pagamenti minghand debituri tal-kumpanija kif ukoll li jzomm ir-*records* tal-kumpanija dwar klijenti li maghhom ghandhom arrangamenti ta’ pagamenti *on credit*. Ikkonferma d-dikjarazzjoni li ghamel fir-rikors guramentat. Semma li l-kumpanija Ta’ Natu Limited topera *supermarkets* gewwa l-Mosta u hija kienet klijenta regolari taghhom. Sas-sena 2006 il-kumpanija Borg and Aquilina ma kellhiex problemi biex tithallas minghand Ta’ Natu Limited, imma mill-bidu ta’ l-2007 Ta' Natu Limited bdiet taqa' lura fil-pagament taghha. Qal li prezentement il-kumpanija Ta' Natu Limited ghandha taghti s-somma ta' €51,217.24 u esebixxa l-*historical statement* mis-sena 2007 ’il quddiem fejn ikompli jikkonferma l-ammonti dovuti. Id-differenza bejn il-*historical statement* u l-i*statement* esebit fil-bidu tal-kawza hi li, waqt li dan tal-ahhar juri biss fatturi li fil-konfront taghhom baqa’, xi bilanc dovut, il-*historical statement* jirreferi ghall-fatturi kollha mahruga u l-pagamenti kollha maghmula minn Ta' Natu Limited.

Dwar il-prospett li gie pprezentat minn Ta’ Natu Limited qal li qabel mal-kumpanija Borg and Aquilina Limited fethet din il-kawza l-intimati kien gew mitluba kemm-il darba biex ihallsu l-bilanci dovuti u dawn irrifutaw. F'dak l-istadju l-ammonti mitluba qatt ma kienu gew ikkontestati u l-intimati qatt ma semmew li qed jippretendu xi skont jew li kien hemm xi *credit notes* mhux imnaqqsa. Dwar is-*sales*

*discount* ta' 3% fuq bejgh qal li hu ma jirrizultalux mir-*records* tal-kumpanija li Ta' Natu Limited giet imwieghda jew kien hemm xi ftehim dwar skont fuq il-valur ta' merkanzija mixtrija minghandhom u wisq anqas li kien hemm xi ftehim dwar skont li baqa' ma nghatax. Dwar il-*credit notes* illi allegatament ma gewx inkluzi fil-kalkoli ta' l-ammonti dovuti qal li dawn ma jirrizultawx mir-*records* taghhom, u osserva li n-numri ikkwotati lanqas jaqblu man-numri ta' *credit notes* mahruga mill-kumpanija taghhom li jkun fihom sitt numri mhux hamsa.

Dwar is-somma ta' Lm100.06 prezz ta' Soyfresh Milk qal li Joseph Vella fix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti, iddeskriva dan il-prodott li kien skada wara li kienu bieghuh lil Ta' Natu Limited. Qal li Borg and Aquilina ma ghandha ebda obbligu li tiehu l-prodott lura u dan ghaliex la l-prodott kien tajjeb meta huma ikkonsenjawh lill-klijent ma ghandhom l-ebda responsabbilita` li jehduh lura meta jiskadi. Dwar is-somma ta' Lm4405 li l-intimati qed jghidu li giet depozitata wara l-mandat ta' sekwestru qal li dan mhux ammont kontestat. Ghalhekk l-ammonti li huma tassew ikkontestati jammontaw ghal Lm3696.67 jew €8610.92 u jhalli bilanc sostanzjali ta' €42,606.32.

Semma li Borg and Aquilina Limited qed tipprocedi wkoll kontra Joseph Vella personalment. Vella huwa azzjonist maggoritarju kif ukoll direttur tal-kumpanija Ta' Natu. Spjega li meta kumpanija klijenta taghhom titlobhom *credit terms* dejjem jezigu li d-diretturi jintrabtu personalment bhala garanti ghall-obbligi tal-kumpanija, l-aktar meta jkun jidher li se jkollhom negozju sostanzjali ma' dik il-kumpanija. Ghalhekk jitolbu li d-diretturi jiffumaw *credit application form*. Semma li Ta' Natu Limited kienet talbet *credit terms* u Joseph Vella iffirma din il-formola fejn il-kumpanija Ta' Natu Limited kienet inghatat *credit terms* ta' tletin gurnata.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti tal-kaz:***

Din il-kawza tirrigwarda talba ghal hlas fejn skond ir-rikorrenti l-intimata Ta' Natu Limited ghandha taghti is-somma totali ta' wiehed u ghoxrin elf disa' mija u sebgha u

tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm21,987.56 ekwivalenti ghal (€51.217,24), konsistenti f'bilanc minn somma akbar, prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-intimata fuq talba taghha stess. Ir-rikorrenti sostniet li l-intimat Joseph Vella, li huwa direttur tal-kumpanija Ta' Natu Limited ikkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-kumpanija debitrici principali Ta' Natu Limited ghat-twettiq ta' l-obbligazzjonijiet kollha assunti mill-kumpanija msemmija versu r-rikorrenti Borg and Aquilina Limited. Ghalhekk ir-rikorrenti talbet dikjarazzjoni li l-intimata Ta’ Natu Limited hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta’ €51,217.24; oltre li l-intimat Joseph Vella bhala garanti solidali huwa wkoll debitur tal-kumpanija rikorrenti. Talbet il-kundanna ghall-hlas.

Min-naha ta’ l-intimata inghad li l-ammont reklamat mir-rikorrenti huwa inqas minn dak mitlub, u li *di piu`* hemm merkanzija li hija skaduta li kellha tigi sostitwita jew irtirata mis-socjeta` rikorrenti u dan ma ghamlitux, u finalment li Joseph Vella mhuwiex il-garanti personali ghad-dejn ta’ Ta’ Natu Limited.

***<u>D2. Provi li jrid jaghmel ir-rikorrenti:</u>***

Issa min jallega l-pagament, ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti (Vol.XL1X p11 p 776).

Principju iehor hu ‘*actor non probante reus absolvitur’.* Fid-dubju u fin-nuqqas ta’ ricevuta, ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (Vol.XXXV11 p1 p 525), jekk ma jigix pruvat b’mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt. Ara f’dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Desmond Mizzi *noe* vs Patrick Filletti *pro et noe*** deciza mill-Qorti ta’ l- Appell fit-28 ta’ Jannar 2000.

Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-26 ta’ Jannar 1976 fl-ismijiet **Avv. John Buttigieg *noe* vs Joseph Porteli *noe*** inghad:
“Il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hi jista jaghmel b’kull mezz billi l-produzzjoni ta’ ricevuta mhix dispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti.”

Fil-kaz in ezami xehdu Mario Cassar Laudi, *Assistant General Manager* tas-socjeta` rikorrenti, kif ukoll Noel Schembri, *Credit Controller* tas-socjeta` rikorrenti, li ikkonfermaw il-konsenja ta' l-oggetti u valur kif indikat fir-rikors guramentat u d-Dokument BA1 a fol 6 sa 9 tal-process. Ma jidhrux dubji li fil-fatt l-oggetti in kwistjoni gew ordnati u konsenjati lill-intimati. Ghalhekk kien jinkombi lill-intimati li b'xi mod jippruvaw jew li l-oggetti ma gewx konsenjati, jew li kien hemm xi kundizzjonijiet ohra dwarhom, jew li kien hemm xi ftehim li l-oggetti jistghu jigu ritornati u fil-fatt gew ritornati. Izda minn dan kollu ma hemm xejn, ghax ghalkemm l-intimati esebew tliet dokumenti a fol 24 sa 26 tal-process fejn saret referenza ghat-3% *discount* ghad-differenzi fl-*invoices* u ghall-hlas taht *garnishee order* Lm4405, jinghad li dwar l-ewwel tnejn dawn gew kategorikament michuda mix-xhieda tar-rikorrenti. Dwar il-Mandat ta' Sekwestru u ammont depozitat, Noel Schembri, il-*Credit Controller*, qal li dan l-ammont mhux qed jigi kontestat b'riferenza ghal Lm3696.67 jew €8610.92 b'mod li jifdal bilanc ta' €42,606.32. Izda bhala stat ta' fatt ma giet prezentata lill-Qorti ebda nota ta' riduzzjoni.

***<u>D3. Solidarjeta` ta' Joseph Vella:</u>***

Dwar il-kwistjoni tas-solidarjeta` ta' Joseph Vella mal-intimata Ta' Natu Limited hemm id-dokument a fol 50, 51 tal-process li permezz taghha fil-klawsola 4 jinghad car u tond li hu qed jassumi "*who shall be jointly and severally liable for the performance of all obligations*". Giet esebita l-original ta' din il-formola a fol 50 u 51 ghax precedentement kien hemm il-kopja a fol 31 u 32. Gie spjegat mir-rikorrenti li din hija formola li tintuza mis-socjeta` rikorrenti meta jintalab u t-talba tigi milqugha biex jinghataw *credit facilities*.

Il-Qorti tirreferi ghall-artikoli 1094 et tal-Kap 16 kif ukoll 115 tal-Kap 13 minn fejn jemergu cari l-

principji dwar is-solidarjeta`. Inoltre l-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri tal-5 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet **Borg and Aquilina Limited vs John Cuschieri u Pierre Galea** fejn inghad:

"(4) Proprjament, bhala riflessjoni aktar akkurata ta' dritt, il-garanti solidali maghmula lill-kummercjant, bhal ma hi s-socjeta` attrici, hu, kif ritenut, "ekwiparat ghall-istess kondebitur *in solidum*, cioe, *correus debendi*. Huwa ghalhekk li ghalih huma applikabbli *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghall-kondebitur solidali". Ara "**Emmanuele Baldacchino -vs- Joseph Schembri**", Appell Kummercjali, 2 ta' Dicembru, 1963. Il-Qorti ma thossx li ghandha tiddilunga zzejjed fuq il-principji tal-garanzija solidali, u, anzi, thoss li, a skans ta' ripetizzjoni, jibbasta li taghmel referenza ghal certi decizonijiet taghha fuq is-suggett. Ara fost ohrajn "**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd -vs- Mario Pickard *et nomine***", 19 ta' Ottubru 2005, "**Mark Camilleri -vs- James Clifford Micallef *et***", 28 ta' Novembru, 2008 u "**Primrose Poultry Products Ltd -vs- Joseph Balzan *et***", 12 ta' Dicembru, 2008;..."

Illi jemergi ghalhekk car li Joseph Vella dahal garanti solidali mal-intimata Ta' Natu Limited u ghandu jitqies bhala garanti solidali fit-termini ta' l-artikolu 1094 tal-Kap 16. Ghalhekk Joseph Vella huwa personalment u solidalment responsabbli biex jissodisfa l-kreditu pretiz mis-socjeta` rikorrenti. Huwa car li mid-dokument a fol 50 u 51 li Joseph Vella iffirma u ghalhekk *imputet sibi* u ma jistax jehles mill-obbligu tieghu ghal dak li ffirma ghalih.

Jinghad li la l-intimat joseph Vella u anqas xi hadd ghas-socjeta` intimata Ta' Natu Limited ma xehdu fil-kawza biex b'xi mod iwaqqghu dak li gie sostnut u ippruvat mis-socjeta` rikorrenti.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati ghax b'ebda mod ma gew ippruvati l-*commissions* imsemmija.

Tichad ukoll it-tieni eccezzjoni li kien hemm merkanzija skaduta u ritornata ghax ma saru ebda provi dwarha.

Tichad it-tielet eccezzjoni ta' Joseph Vella li mhux garanti solidali minhabba dak li ghadu kif intqal taht "D3".

Illi ghalhekk (peress li ma hemm ebda nota ta' riduzzjoni dwar is-sekwestru), il-Qorti tiddkjara li l-intimata Ta' Natu Limited hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' Lm21,987.56 ekwivalenti ghal €51,217.24.

Tiddikjara lill-intimat Joseph Vella bhala garanti solidali fis-somma fuq imsemmija.

Tikkundanna lill-kumpanija intimata Ta' Natu Limited, debitrici principali, sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' Lm21,987.56 ekwivalenti ghal €51,217.24.

Tikkundanna wkoll lill-intimat Joseph Vella bhala garanti solidali, solidalment mal-kumpanija intimata, sabiex ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €51,217.24.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------